MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta tas-16 ta' Frar, 2006

Talba Numru. 494/2003

**Cutajar Silvano**

**Vs**

**Lungaro Mifsud James**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-4 ta' Marzu 2003 fejn l-attur talab sabiex il-konvenut ihallas is-somma ta' Lm1,350 (elf u tlett mija u hamsin Lira Maltin) rapprezentanti danni sofferti wara incident.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

Thallas is-somma ta' elf tlett mija u hamsin Lira Maltin (Lm1350) jew somma verjuri li tigi stabbilita minn dan l-Onorabbli Tribunal, rapprezentanti danni sofferti mill-attur, b'segwitu ta' incident li fih l-attur garrab feriti fuq il-persuna tieghu, u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Bl-ispejjez, u bl-imghax legali kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-

1. Illi in kwantu ghar-responsabilita` tal-incident in kwistjoni ma hemmx kontestazzjoni dwar ir-responsabilita`.
2. Illi in kwantu ghad-danni reklamati mill-attur dawn huma kontestati u fi kwalunkwe kaz l-konvenut mhux unikament responsabbli ghad-danni kollha li l-attur qed jallega li sofra.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi l-pendenza odjerna tikkoncerna unikament l-ammont ta' danni talvolta pagabbli mill-konvenut konsegwentement ghall-incident li fil-konfront tieghu il-konvenut ammetta r-responsabbilta`. Id-danni mitluba jikkonsisti f'telf ta' paga u spejjes medici.

Jirrizulta li l-attur ma attendiex ghax-xoghol a bazi ta' "sick leave without pay". L-imghallem tieghu spjega li stante li ma weggax fuq il-lant tax-xoghol, ma kienx dovut xejn. Fuq dan il-punt, it-Tribunal ghandu ir-rizervi tieghu. F'dawk l-ghoxrin (20) gimgha li ma marx ghax-xoghol, l-attur ippercepixxa is-somma ta' tlett mija u sebgha u hamsin lira u tmienja u tmenin centesmu (Lm 357.88) bhala beneficji tal-mard minghand id-Dipartiment tas-Servizzi Socjali.

Illi l-attur ipprova tramite Charles Attard bhala Direttur a Fol 22 et seq li l-attur kellu sebghin lira Maltin (Lm70) settimanali bhala paga. Il-konvenut hallas biss mitt lira (Lm100). Allura baqa' bilanc ta' elf tlett mija u erbghin lira (Lm 1340). Dak li thallas lill-attur mill-Gvern ma ghandux igawdi minna l-konvenut. Se mai l-attur ikun fid-dover li

jirrimborsa l-ammont lilu mhallas wara li jithallas mill-konvenut. Il-beneficju ma ghandux imur a favur tieghu aktar u aktar meta kien hu li kkaguna s-sinistra lill-attur. L-attur irnexxilu jipprova id-danni lilu kkagunati. Ghalkemm il-konvenut ikkontesta l-istess fir-risposta tieghu ma provax il-kontrarju fit-trattazzjoni.

Jiddeciedi li jichad l-eccezzjoni tal-konvenut, jilqa’ t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta’ elf tlett mija u erbghin lira Maltin (Lm1340) bl-ispejjes u interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------